# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 389/2016/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Norbert Farrugia**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis* u l-appellant **Norbert Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 225570(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Diċembru 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. approprjaw billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuni oħra s-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u

għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' diversi persuni, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;

2. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqedew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' iktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' diversi persuni;

3. fl-istess data, lokalitijiet u ċirkostanzi rċevew jew accettaw xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalihom stess jew għal xi ħaddieħor bil-għan li jeżerċitaw xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu IV tat-Titolu III tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħaddieħor;

4. fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni oħra fMalta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu delitt f'Malta.

<u>Lil *Omissis* waħidha biss talli</u>:

5. kisret kondizzjoni li biha kienet illiberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin u dan b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Ottubru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

6. wettqet reat fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Novembru 2008;

7. saret reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġiet ikkundannata b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jigu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta elenkati fir-rinviju tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' April 2009, sabet lill-imputat ħati biss tar-reati kontemplati f'Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkundannatu disa' (9) xhur priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal tliet (3) snin. *Ai termini* ta' Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati jħallas is-somma ta' ħamest elef, tliet mija u erbgħin Euro (€5340) lill-parti leża Joseph Chircop u s-somma ta' erbat elef, tliet mija u ħamsa u ħamsin Euro (€4355) lill-parti leża Vincent Spiteri u dan fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza, rappreżentanti l-ammont li ġie lilhom frodat u mhux rifuż. *Ai termini* ta' Artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi l-import tas-sentenza u l-konsegwenzi f'każ li jonqos milli josservaha u ċioè f'każ li jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fiż-żmien operattiv, u/jew jonqos li jħallas lill-parti offiża l-ammont fuq preskritt fiż-żmien stipulat.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza appellata u dana billi: (a) Tikkonfermaha in kwantu ma sabitux ħati a tenur ta' Artikoli 293, 294, 121A, u 48A, lkoll tal-Kodiċi Kriminali; u (b) Tħassarha in kwantu sabitu a tenur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310, ilkoll tal-Kodiċi Kriminali, u tiddikjarah mhux ħati tal-istess ċitati Artikoli; u (ċ) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u b'mod sussidjarju, fl-eventwalita' li*

*tikkonferma l-ħtija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b'piena aktar ekwa u ġusta għal każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi da parte tiegħu l-konsulent legali tal-appellant talab li din il-Qorti tieħu konjizzjoni tan-Nota ta' Riferenzi ppreżentata minnu fit-2 ta' Ġunju 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi jibda billi jingħad illi l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kienu oriġinarjament bdew fil-konfront tal-appellant u kif ukoll kontra ċerta Carmela Zammit. Jingħad ukoll li fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fit-2 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 83 *et seq.*) Carmela Zammit rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħha u fis-seduta tas-6 ta' April 2009 l-istess Qorti tat is-sentenza tagħha (*a fol.* 108 *et seq.*) fil-konfront ta' Carmela Zammit u kkundannatha sentejn u nofs priġunerija. Fl-istess seduta tas-6 ta' April 2009 (*a fol.* 107) il-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju u b'hekk il-kawża kompliet tinstema' fil-konfront tal-appellant allura imputat Norbert Farrugia li eventwalment instabet ħtija fih mill-Ewwel Qorti kif imsemmi aktar 'il fuq. Din is-sentenza tallum ta' din il-Qorti tirrigwarda l-

appell tal-appellant Farrugia in segwitu tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.

Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-appellant Farrugia kien jaħdem mal-Gvern sas-sena 2008. Huwa kien ukoll Kunsillier fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u rriżenja għal ħabta ta' Lulju 2008. Jingħad li xi sena qabel l-imputazzjonijiet li l-appellant ġie akkużat bihom, li l-appellant beda jiltaqa' ma' *Omissis* u li *Omissi*s kienet tgħidlu li hija kienet aġent *undercover* mal-Prim Ministru u li kienet *security* miegħu (mal-Prim Ministru). Jingħad li hija offrietlu xogħol bħala *security* mal-Prim Ministru u li qatt ma tkellmu fuq paga u li tkellmu biss fuq dettalji żgħar ta' kondizzjonijiet ta' xogħol. Minkejja dan, huwa aċċetta, irriżenja mill-impjieg li kellu u beda jagħmel dak li hu ħaseb li kien xogħol ta' *security* mal-Prim Ministru. *Omissis* qalet lill-appellant li seta' jsib xogħol lil xi nies oħra u li sab lil Joseph Chircop u Vincent Spiteri, li kien jaf li xtaqu jibdlu l-impjieg tagħhom. Jingħad li *Omissis* wegħdet, fil-preżenza tal-appellant, lil Chircop u lil Spiteri li ssibilhom post l-MIA u li talbithom xi flus (lil Chircop u Spiteri). Eventwalment talbithom ammonti oħra ta' flus allegatament relatati mal-impjieg futur tagħhom. Fir-rigward ta' Joseph Chircop l-ammont totali kien dak ta' ħamest elef, tliet mija u erbgħin Euro (€5340) u fir-rigward ta' Vincent Spiteri l-ammont totali kien dak ta' ħamest elef u ħames Euro (€5005). Jingħad ukoll li *Omissis* kienet toqgħod iddawwar lil Chircop u lil Spiteri f'diversi postijiet bl-iskuża li kienet qed tippreparalhom l-affarijiet biex ikunu jistgħu jaħdmu. Minkejja dan, il-bidu tal-impieg ma wasal qatt. Da parte tiegħu, Spiteri nfurmaha li ried jieqaf u ried flusu lura u *Omissis* tatu xi flus lura pero' kien għad fadallu x'jieħu l-bilanċ ta' erbat elef, tliet mija ħamsa u ħamsin Euro (€4355). L-appellant u *Omissis* gew eventwalment imressqa l-Qorti u ġew akkużati bl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-provi marbut mal-*mens rea*. L-appellant jissottometti li huwa la kien l-awtur u lanqas il-kompliċi u li mill-qari tas-sentenza appellata jidher li hu nstab ħati bħala kompliċi u mhux bħala awtur. Jgħid li hu ma għamel l-ebda aġir li jaqa' taħt l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jikkwota dak li jgħidu Manzini u l-Professur Sir Anthony Mamo. Fir-rigward tal-Profs. Mamo jgħid li qal hekk: *"Negative participation is inconceivable. In fact, the essence lies in active co-operation between the parties so that they are all joint causes of the offence."* Jistaqsi jekk mill-provi prodotti jistax qatt jintqal li l-Ewwel Qorti qatt setgħet leġittimament u raġonevolment tikkonkludi li f'dan il-każ kien hemm xi *"positive contribution to the commission of the offence"* da parte tiegħu. Jistaqsi wkoll jekk hemmx provi fuq bażi ta' *beyond reasonable doubt* li hu b'xi mod jew ieħor ħoloq xi *"state of things favouring or facilitating the commission of an offence."*

Illi l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-kariga li hu kien jokkupa ta' viċi-sindku u fuq ix-xogħol li kien jagħmel meta kellu għadd ġmielu ta' impjegati taħtu. Jgħid li persuna xorta tista' tkun suġġettibbli għall-ingann u li huwa wkoll vittma tat-terz tant li hu tilef l-impieg tiegħu maċ-Ċivil. Jisħaq li l-fatt li hu kien viċi-sindku mhux garanzija li ma jkunx vittma ta' *mise-en-scene*. Jgħid li għandu jiġi miżmum quddiem għajnejn kulħadd li f'pajjiżna għadha tirrenja l-mentalita' tal-parrinu u li bosta huma dawk li jemmnu li sabiex wieħed ikollu impieg tajjeb, jeħtieġ l-intervent ta' politiku. Jgħid li hu sab lil Chircop u lil Spiteri sabiex jgħinhom. Jisħaq li l-provi ċirkostanzjali jridu jkunu univoċi imma f'dan il-każ dawn m'humiex hekk. Jgħid li lanqas ma jidher il-*common design* bejnu u t-terz għaliex jeħtieġ li l-kompliċi jkun jaf il-fatti għalkemm kompliċi jista' jkun ħati ukoll jekk ma jkunx ċert fir-rigward tan-natura tar-reat. Jgħid li barra milli ssir il-prova tal-*mens rea* fil-każ tal-kompliċi jrid ikun ippruvat ukoll il-*common design*. Huwa jgħid li t-terz xehdet u skolpatu. Jgħid li huwa ried jagħmel pjaċir lill-ħabib tiegħu li kien għenu f'punt ieħor f'ħajtu.

Illi din il-Qorti tinnota li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Dwar

dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. In fatti din il-Qorti għarblet mill-ġdid il-provi kollha li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-aggravju in eżami jikkonċentra fuq il-punt li l-Ewwel Qorti qieset lill-appellant bħala kompliċi u mbagħad l-appellant ikompli jinsisti fuq il-provi tal-*mens rea* u tal-*common design*. Dwar il-*common design*, fin-Noti tiegħu l-Professur Sir Anthony Mamo jgħid hekk:

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

> *"There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him applies to each of the parties to the offence. Therefore a merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of assisting the perpetration of that offencce. Thus if a man does an innocent act of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence: as when, for instance, A lends a sporting gun to B for shooting birds, but B uses the gun to shoot a man; or A, decieved by plausible pretexts, supplies in good faith a poisonous substance to B who uses the same to commit a murder."*

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata jingħad hekk (*a fol.* 273 *tergo*):

> "Il-Qorti m'għandhiex dubju li l-imputat <u>mhux biss kien kompliċi imma ħa parti attiva ma' *Omissis* fl-atti frawdolenti</u> tagħha u kien jaf preċiament x'qegħda tagħmel lill-partijiet ċivili. Għalhekk il-verżjonijiet tal-partijiet ċivili li l-imputat ipparteċipa fir-raġġiri ta' x'impieg ħa jkollhom u f'xi okkażżjonijiet ħa l-flus hu, huma aktar kredibbli mill-verżjoni tiegħu." [emfażi miżjuda]

Illi minn dan il-kliem jirriżulta ċar li l-Ewwel Qorti qieset lill-appellant bħala ko-awtur u mhux bħala kompliċi biss. Apparti dan, l-Ewwel Qorti ma' semmietx l-artikolu dwar assoċjazzjoni *ossia* Artikolu 48A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu ġie msemmi mill-Avukat Ġenerali meta bagħat l-artikoli li skont hu setgħet tinstab ħtija fihom fl-appellant (*a fol.* 122).

Illi mill-bqija tibqa' l-kwistjoni tal-*mens rea* tal-appellant. L-appellant għamel minn kollox biex juri li hu kien sajjem minn kollox u, fi ftit kliem, *Omissis* qalet li kienet ittradietu lill-appellant.

Illi hemm il-kwistjoni tar-riżenja minn kunsillier fejn l-appellant u *Omissis* ma jaqblu xejn dwar x'kienet il-vera raġuni. Huwa jgħid minħabba li ma setax ileħħaq mix-xogħol waqt li *Omissis* xehdet li kienet ġriet il-kelma li l-appellant kien qed ikun magħha u hi, minkejja li ma kellha ebda kundanna, kienet qed titqies bħala kriminali. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-provi juru li mhux kull ma xehed l-appellant hu ta' min joqgħod fuqu għax il-Qorti ma fehmitx kif l-appellant irriżenja mill-Kunsill Lokali meta kien diġa' għamel żewġ leġislaturi sħaħ. Ir-raġuni li tat *Omissis* tagħmel aktar sens imma din l-appellant għażel li jaħbiha għax lanqas biss semma għal dak li kienu qed jgħidu n-nies.

Illi punt importanti ħafna huwa dwar jekk l-appellant kienx għadd il-flus hu. Il-*parte civile* qablu dwar dan u din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita l-verżjoni tagħhom. L-appellant innega li għadd il-flus iżda l-verżjoni tiegħu tinħass totalment inverosimili u sforz biex jallontana ruħu minn dak li għamlet *Omissis*. X'kienet il-kontribuzzjoni tiegħu? Il-preżenza tiegħu fejn il-partijiet kienu preżenti u kien hu li ċempel lil wieħed minnhom. Il-*parte civile* rawhom flimkien imma *Omissis* u l-appellant ippruvaw jagħtu l-impressjoni li dan ma kienx minnu.

Illi punt ieħor huwa dwar il-vera relazzjoni ma' *Omissis*. Dwar dan din il-Qorti tinnota li sar sforz minn naħa ta' *Omissis* u minn naħa tal-appellant sabiex tidher li kienet anqas milli hi. Imma l-Qorti ma tistax temmen li l-appellant kellu l-ħwejjeġ għand *Omissis* għaliex kien sejjer Dubai. Din l-ispjegazzjoni ma hi konvinċenti xejn għaliex jekk wieħed qed jgħix għand ommu ma hemmx għalfejn jieħu l-bagalja għand xi ħadd li, skont hu, ma kellux r-residenza fissa tiegħu għand din il-persuna.

Illi l-appellant jgħid li huwa beda jinsisti biex il-flus jingħataw lura minn *Omissis* lil Chircop u Spiteri. Il-Qorti ftit tista' temmen li persuna li tkun ħadmet f'dipartiment tal-gvern tista' tibqa' fid-

dlam dwar l-aġir ta' persuna li qed ikun magħha għal ħafna ħin u ma tinduna assolutament b'xejn. Tassew li persuna tista' tkun tokkupa karigi importanti, kemm fix-xogħol tagħha kif ukoll fil-ħajja pubblika, u kull tant tingidem minn xi ħadd imma f'dan il-każ qed ikun kkunsidrat ċertu tul ta' żmien u mhux okkażjoni ta' ftit minuti meta xi ħadd jitlob xi għajnuna finanzjarja u dan ma jkollu ebda bżonn imma jkun qed jagħmel gwadann irħis minn fuq dahar ħaddieħor. Din il-Qorti ma tifhimx kif persuna li tkun tinsab f'relazzjoni ma' persuna oħra għal diversi xhur u ma tkunx taf x'issarraf tali persuna.

Illi filwaqt li huwa minnu li jirriżulta li *Omissis* kienet taf tippreswadi lil dak li jkun, pero' jirriżulta li l-appellant kien bniedem midħla taċ-Ċivil u jekk dan kien sejjer *security guard* jew, kif tgħid *Omissis*, sejjer jiċċaqlaq minn dipartiment għall-ieħor possibbli li dan ma kienx jaf li ma kellux għalfejn joħroġ bis-*sick leave* jew li jfittex it-tagħrif x'għandu jagħmel jew li quddiem il-Qorti jgħid li ma kienx jaf jekk kienx għadu fuq il-kotba ta' fejn kien qed jaħdem?

Illi għalkemm l-appellant ma qabilx li l-Ewwel Qorti użat dak li qal Paul Miruzzi bħala *character reference* jibqa' l-fatt li jekk dan kellu mitt ruħ taħt idejh u kien magħruf għad-dixxiplina tiegħu mela l-appellant jaf kif ikunu n-nies li jiltaqa' magħhom!

Illi jirriżulta lil din il-Qorti li meta l-Ewwel Qorti qieset dan kollu ikkonkludiet li l-appellant kien jaf x'qed jagħmel sew, jekk forsi mhux fil-bidu nett, sussegwentement. B'hekk jirriżulta li l-appellant kellu l-*mens rea* rikjesta kif ukoll tissussisti l-prova tal-*common design*.

I-lli jsegwi li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi u għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar l-applikazzjoni ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li l-piena

erogata mill-Ewwel Qorti mhijiex kalibrata tajjeb. Filwaqt li jgħid li dan l-aggravju huwa mingħajr preġudizzju għall-ewwel wieħed, jgħid li t-terz irċeviet varji flejjes u mhux ilkoll f'okkażjoni waħda iżda kull istanza ma għandhiex titqies separatament. Jgħid li kollox kien parti mill-istess *mise-en-scene* u li għalhekk l-Artikolu 18 imsemmi ma japplikax għall-każ odjern. Jgħid li lanqas ma japplika għaliex hemm żewġ vittmi nvoluti għaliex kienu qed jinħadmu minn *Omissis* flimkien.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-fatt li l-frodi kienet qed issir kontemporanjament bl-ebda mod ma jneħħi l-effetti ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bħalma wieħed ikun qed jisraq minn żewġt idjar fl-istess jum. Apparti minn dan, filwaqt li huwa minnu li fid-*decide* tas-sentenza appellata ssir riferenza għal Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jiġi nnutat li aktar 'il fuq ngħad hekk fis-sentenza appellata (*a fol.* 274):

> "Il-Qorti lanqas hija tal-opinjoni li l-piena għandha tiżdied bi grad jew tnejn *ai termini* tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

B'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti ma applikatx Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant it-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Jgħid li din għandha tkun aktar ekwa u ġusta' meta wieħed jikkunsidra dak li jiddisponi Artikolu 337 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li l-Artikolu 337 imsemmi japplika kemm-il darba persuna, qabel ma tibda titmexxa xi proċedura kriminali kontra tiegħu, jrodd għal kollox il-ħsara kkagunata bir-reat. Dan illum ma japplikax u dan apparti li fis-sottomissjonijiet finali mismugħa quddiem din il-Qorti

diversament preseduta l-konsulent legali tal-appellant talab li din il-Qorti tiskarta dik il-parti tal-aggravju.

Illi din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-Nota ta' Riferenzi ppreżentata mill-appellant fit-2 ta' Ġunju 2023. Apparti minn dan, din il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll tal-fedina penali aġġornata tal-appellant li hija waħda prattikament nadifa (u dana minkejja li dan l-appell ilu pendenti diversi snin) u kif ukoll dak li jirriżulta mir-rapport (*a fol.* 169) tal-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia u mid-depożizzjoni tagħha (*a fol.* 206) fejn jingħad li l-appellant sab xogħol u qed jgħix ħajja normali. Għalhekk dan l-aggravju ser jiġi milqugħ *in parte*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Norbert Farrugia u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tar-reati kontemplati fl-Artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li ġew imsemmija fil-parti tad-*decide* tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat disa' (9) xhur priġunerija li *ai termini* ta' Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal tliet (3) snin u tħassar u tirrevoka wkoll dik il-parti tal-istess sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 28(H) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant ġie ordnat iħallas is-somma ta' ħamest elef, tliet mija u erbgħin Euro (€5340) lill-parti leża Joseph Chircop u s-somma ta' erbat elef, tliet mija u ħamsa u ħamsin Euro (€4355) lill-parti leża Vincent Spiteri u dan fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza u minflok, wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tillibera lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum. *Ai termini* ta' Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-

Qorti qed tordna lill-appellant sabiex fi żmien sitt (6) xhur mil-lum huwa jħallas is-somma ta' ħamest elef, tliet mija u erbgħin Euro (€5340) lill-parti leża Joseph Chircop u s-somma ta' erbat elef, tliet mija u ħamsa u ħamsin Euro (€4355) lill-parti leża Vincent Spiteri, rappreżentanti l-ammont li ġie lilhom frodat u mhux rifuż;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Finalment, il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata u f'każ li ma jħallasx l-ammonti hawn fuq imsemmija lill-persuni msemmija fiż-żmien lilu mogħti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**